**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 152/2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Christina Delia)**

**vs**

**Josemar Borg**

Illum, l-4 ta' Marzu 2024

Il Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil **Josemar Borg** ta' 34 sena, imwieled il-Pieta', nhar it-18 ta' Lulju 1986, iben Joseph Mary u Maria Rosaria nee' Mc Kay, residenti Nru.75, Gauci Flat 4, Triq San Gorg, Santa Venera u detentur tal-karta tal-identita' nru 343286M u akkuzatu li:

B'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l'istess dispozizzjoni tal-ligi jew dispozizzjonijiet relatati tal-ligi, u gew maghmula b' rizoluzzioni wahda:

Bejn l-1 u t-2 ta' Dicembru 2019 gewwa il-Lokalita' ta' Birkirkara u/jew f'dawn il-Gzejjer:

*1. Approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra is-somma ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5000) minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu ill jgib mieghu l-obbligu tar-radd ta'l-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professoni, industrja, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju ghad-dannu ta' Carmel Magro u Shania Magro u/jew persuni ohra;*

U talli bejn id-29 u t-30 ta' Dicembru 2019 gewwa il-Lokalita' ta' l-Iklin u/jew f'dawn il-Gzeijer:

*2. Approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra is-somma ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5000) minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd ta 'l-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrja, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju ghad-dannu ta' Alfred Gatt u/jew persuni ohra;*

aktar talli:

*3. Fl-istess dati, hin, lok u cirkustanzi kiser il provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr*

*J. Demicoli LL. D, datata 13 ta Marzu 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.*

Il-Qorti giet mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini ta ' l-artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, meta hu kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija ghal reati hawn fuq imsemija u jekk jidrilha xieraq tordna lill-hati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiza l-flus ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispeijez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 (I) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar l-14 ta' Marzu 2023.[2]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar it-13 ta' Gunju 2023.[3]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

[1] Folio 3 ta' l-atti processwali
[2] Folio 91 ta' l-atti processwali
[3] Folio 100 ta' l-atti processwali

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz jikkoncerna allegati atti ta' approprjazzjoni indebita mill-imputat Josemar Borg minn flejjes mghoddija lilu minn Carmel Magro u Shania Magro u Alfred Gatt bhala depoziti fuq il-bejgh ta' zewg karozzi, liema atti sehhew matul Dicembru 2019.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2021 xehdet **Shania Maria Magro**[4]. Ikkonfermat li kienet ghamlet rapport dwar frodi kontra l-imputat u dan minhabba li ghall-habta tat-30 ta' Novembru 2019, hija kienet qed tfittex li tixtri karozza. Minn fuq Facebook kienet sabet Toyota Vitz bajda tas-sena 2003 u ghamlet kuntatt ma certu Daniela Zarb li kkonfermat li din il-karozza kienet ghadha disponibli. Ftehmu li jiltaqghu l-ghada biex tara l-karozza u meta kienu fuq il-post, prezenta ruhu l-imputat Josemar Borg. Tkellem mieghu missier ix-xhud Carmel

[4] Fol. 28-30 tal-atti processwali.

Magro. Minhabba li l-karozza kellha xi daqqiet u grif, Borg qabel li jirrangahom hu qabel ma jghaddi l-karozza lix-xhud. Dakinhar gabar depozitu ta' €500. L-ghada ghadda d-dar tax-xhud biex gabar €1,000 ohra li hija taghtu minn jeddha. Minn naha taghha, x-xhud lehqet harget polza tal-assikurazzjoni fuq il-karozza sabiex ikun jista' jsir it-trasferiment ghal fuqha. Ghaddew hmistax u l-karozza baqghet ma waslitx u l-imputat beda jghid li kien hemm xi diffikultajiet biex isir it-trasferiment. Sa meta xehdet, il-karozza kienet baqghet ma mmaterjalizzatx. Tikkonferma li l-prezz totali tal-karozza kien €2,500 u kienet saret karta bejn l-imputat u missier ix-xhud li tindika l-prezz, kif kellu jithallas u li l-karozza kellha sena garanzija fuq magna u *gearbox*. In kontro-ezami ix-xhud sostniet illi ghalkemm hemm isem missierha fuq il-karta, il-flus kient hargithom hi u sa dakinhar kient ghadha ma gabrithomx lura.

Fl-istess seduta xehed **Carmel Magro**[5], li spjega li t-tifla tieghu Shania Magro kienet sabet karrozza Toyota Vitz ghall-bejgh mill-internet u wara li tkellmet ma certu Daniela Zarb, kien prezenta ruhu l-imputat bil-karozza biex jarawha. Gharaf lill-imputat fl-awla. L-imputat kien thallas €500 depozitu u kienet giet iffirmata karta li tirrifletti dan. L-ghada cempelli l-imputat jindaga jekk Shania Magro kienitx ghamlet l-assikurazzjoni u biex jitlobu €1,000 ohra mill-prezz tal-karozza. Shania Magro ghaddietlu dawn il-flus u bdew ghaddejin il-granet bla ma semghu xejn minn naha tal-imputat. Suppost il-karozza kienet ghand it-tellar biex tigi midjura skont il-ftehim izda kif spjega x-xhud, wara ricerka li ghamlet it-tifla tieghu, skoprew li l-imputat kellu diversi kazijiet fejn kien inganna lin-nies. Ix-xhud ikuntattjah u l-imputat beda jghid li kien hemm problema biex isir it-trasferiment tal-karozza. Ix-xhud talbu biex ihassru kollox u jirritorna l-flus li kien ha. L-imputat kien weighed li kien ser ihallas €500 imbaghad €1,000 il-gimgha ta' wara imma minn dan ma sar xejn. Meta rega' cempel lill-imputat biex jara meta kien gej bil-flus, dan qabad joffendih u

[5] Fol. 31-34 tal-atti processwali.

jheddu. Kien f'dak il-punt li sar rapport mal-Pulizija. Ipprezenta kopja tal-iskrittura li kienet saret mal-imputat u kkonfema l-firem ta' fuqha.

L-istess xhud ipprezenta skrittura iffirmata mill-imputat u minnu li ggib id-data l-1 ta' Dicembru 2019 fejn l-imputat jikkonferma li qieghed ibiegh karozza tal-mudell Toyota Vitz bil-prezz ta' elfejn u hames mitt Euro (€2500) u li kien qed jircievi depositu ta' hames mitt Euro (€500).[6]

Ix-xhud rega' ha l-pedana waqt is-seduta tat-18 ta' Jannar 2022[7] fejn ipprezenta kopja tal-logbook tal-vettura in kwistjoni li ggib in-nurmu ta' registrazzjoni DBP-584 kif ukoll kopja tal-karta tal-identita` tal-imputat, liema dokumenti kienu gew mghoddija lilu mill-imputat stess. Ipprezenta ukoll *screenshots* tal-konversazzjoni ma Daniela Zarb kif ukoll tal-karozzi kollha li din Daniela Zarb kienet qed toffri ghall-bejgh fuq Facebook.[8]

Fl-istess seduta xehed **Alfred Gatt**[9]. Ghamel rapport mal-Pulizija kontra l-imputat minhabba karozza Hyundai Getz li kien ser jixtri minghandu. Tah b'kollox zewg pagamenti ta' €500, wiehed il-Hadd u wiehed l-ghada t-Tnejn. Minhabba li l-karozza kellha hsara minuri fir-radiator li riedet titranga, l-imputat kien qallu li kien ser johodha biex isewwiha u imbaghad jghaddiehielu ladarba tkun lesta "fil-25 tax-xhar". Spjega li kien sar jaf li l-karozza kienet ghall-bejgh ghax sabitha t-tifla tieghu minn fuq l-internet. Ikkonferma li sa dakinhar la kienet waslet il-karozza u lanqas thallas lura l-flus li kien ghadda lill-imputat.

L-istess xhud ipprezenta skrittura iffirmata mill-imputat u minnu li ggib id-datat id-29 ta' Dicembru 2020 fejn l-imputat jikkonferma li qieghed ibiegh

---

[6] Dok CM1, Folio 35 ta' l-atti processwali
[7] Fol. 40-42 tal-atti processwali.
[8] Dok CM2, Folios 43-48 ta' l-atti processwali
[9] Fol. 36-38 tal-atti processwali

karozza tal-mudell Toyota Vitz bil-prezz ta' elf u hames mitt Euro (€1,500) u li kien qed jircievi depositu ta' elf Euro (€1,000).[10] Fuq wara ta' l-istess skrittura hemm indikat li bintu Shania Maria Magro kienet qeda tghaddilu s-somma ta' elf Euro bhala depositu (€1,000).

Fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2022 xehed **Dr Christopher Spiteri**[11] f'isem l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta. Ipprezenta lista li turi s-sidien kollha registrati tal-vetturi DBP-584 tat-tip Toyota Vitz kif ukoll BCA-176 tat-tip Hyundai Getz.[12] L-ahhar sid tal-vettura Toyota Vitz hija certu Stefania Toriella filwaqt li l-ahhar sid tal-vettura Hyundai Getz huwa certu Joseph Vella.

Fl-istess seduta xehed **PS 3 Kevin Grima**[13]. Spjega li fil-bidu ta' Jannar 2020, fl-Ghassa ta' Birkirkara kienet dahlet kwerela mibghuta mill-Avukat Dr Jason Grima f'isem Carmelo Magro sabiex jittiehdu passi fil-konfront ta' Josemar Borg u Daniela Zarb minhabba allegati frodi relatati mal-bejgh ta' karozza. Fil-kwerela kien hemm ukoll miktub illi eventwalment, Josemar Borg waqaf iwiegeb it-telfonati ta' Magro u sahansitra kien ukoll offendieh u heddu li la kien ser itih il-vettura u lanqas il-flus li kien hallas u cioe` €1,500. Fit-13 ta' Marzu 2021, ix-xhud baghat ghall-Carmelo Magro fejn dan ghaddielu l-ircevuta li kienet allegatament inghatat mill-imputat ghad-depozitu. Ix-xhud kompla jispjega li fit-13 t'a Marzu 2020 filghaxija irrapporta l-Ghassa certu Alfred Gatt fejn dan ukoll qal li lejn l-ahhar ta' Dicembru 2019 kien ftiehem mal-imputat dwar bejgh ta' karozza u kien ghaddielu €1,000. Il-karozza kienet baqghet ma waslitx u skuza l-hemm u skuza l-hawn minn naha tal-imputat u Gatt kien baqa' minghajr il-karozza u minghajr il-flus. Il-kwerelant kien ukoll prezenta ricevuta li kienet inghatat mill-imputat ghad-depozitu mhallas.

---

[10] Dok AG1, Folio 38a ta' l-atti processwali
[11] Fol. 55-59 tal-atti processwali
[12] Dok CS1 u C2, Folio 51-54 ta' l-atti processwali
[13] Fol. 56-58 tal-atti processwali

Fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2022 xehed **Vincent Buhagiar**[14] f'isem Jobsplus Agency, li pprezenta l-*employment history* tal-imputat Josemar Borg.[15]

Fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2022 xehed **Adrian Mallia**[16]. Spjega li huwa kien qed ibiegh karozza tat-tip Toyota Vitz ta' kulur roza u kien ikkuntattjah l-imputat u qallu li ghandu xi nies interessati. Kien ta hic-cavetta biex jurihielhom u xi kwarta qallu li kienu ser jixtruha. Xi erbat' ijiem jew gimgha wara, ircieva telefonata minghand persuna li qalet li kienet xtrat il-karozza u ma haditiex u dan minkejja li kienet hallset depozitu. Meta x-xhud ikuntattja lill-imputat qallu li ma kellhiex xi flus u ghalhekk, baqghet ma xtratx il-karozza. Imbaghad l-imputat kien biegh il-karozza lil xi had iehor. Jghid li l-imputat baqa' qatt ma tah il-flus.

Fis-seduta tas-7 ta' Frar 2023 xehdet **L-Ispettur Christina Delia**[17]. Ikkonfermat id-dettalji tar-rapporti li kienet irceviet il-Puizija dwar l-okkorrenzi de quo u ziedet li nhar l-24 ta' Marzu 2020 kien inhareg mandat t'arrest fil-konfront tal-imputat mill-Magistrat Dr Audrey Demicoli u l-ghada, hi flimkien mal-Ispettur Elton Taliana kienu kellmu lill-imputat Josemar Borg wara li dan ghazel li jikkonsulta mal-Avukat Dr Alfred Abela. Kien ta stqarrija fejn qal li l-vetturi ma kienx ghaddiehom lil min kien xtrahom minhabba li kellhom xi problemi fihom. Qal li l-flus li kien ircieva kien uzahom biex jixtri karozzi ohrajn minghajr ma kien wisq specifiku u semma biss li kien ta €500 lil certu "Adrian". L-imputat kien imbaghad inghata *police bail* u inhargu l-akkuzi b'citazzjoni.

[14] Fol. 69 tal-atti processwali
[15] Dok LB1, Folio 74-75 ta' l-atti processwali
[16] Fol. 76-77 tal-atti processwali
[17] Fol. 86-88 tal-atti processwali

Fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2023 xehed **L-eks Spettur Elton Taliana**[18]. Ikkonferma id-dettalji tar-rapporti li kienet irceviet il-Puizija dwar l-okkorrenzi de quo fid-9 ta' Jannar 2020 u fit-13 ta' Marzu rispettivament. Spjega li l-Ispettur Christina Delia kienet tal-ghassa meta dahal ir-rapport ta' Carmel Magro filwaqt li hu kien mexxa l-investigazzjonjiet dwar ir-rapport maghmul minn Alfred Gatt. Minhabba li l-kazijiet kienu relatati, gew investigati flimkien u fil-fatt, kienet ittiehdet stqarrija wahda tal-imputat dwar iz-zewg rapport fil-25 ta' Marzu 2020 wara li l-imputat ghazel li jikkonsulta mal-Avukat Dr Alfred Abela. Ikkonferma li kien prezenti ghat-tehid ta' din l-istqarrija u fil-fatt gharaf il-firma tieghu.

Fl-istess seduta xehdet **Stephania Calafato Testa**[19], Assistent Registratur tal-Qrati Kriminali, li kkonfermat li ma kienx hemm appell wara sentenza moghtija kontra l-imputat Josemar Borg mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-13 ta' Marzu 2019.

Fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2023 xehed minn rajh **l-imputat Josemar Borg**[20]. Spjega li huwa kien ibiegh xi karozzi u imbaghad kien gie arrestat u kien kellmu l-Ispettur Elton Taliana fejn informah li kien hemm xi nies riedu l-flus lura. L-istess Spettur kien propona li jhallashom lura €500 fix-xahar u hu kien indika li "mhux problema" izda spjega li minhabba li dawn il-flejjes kienu depozitu, ma kienx tahom lura minkejja li kien hemm "dizgwid" mieghu. Ikkonferma li klijent wiehed kien tah €1,500 u l-iehor €1,000. Spjega li huwa kien imur irodd il-flus lura lill-Ispettur Taliana fl-ufficcju tal-Ghassa ta' Birkirkara u *"rcevuta qatt ma tani"*, fejn b'kollox, skont l-imputat, hallas lura €2,500 u cioe` l-ammont kollu li kellu jaghti. In kontro-ezami irrimarka li irevuta qatt ma kien inghata mill-Ispettur Taliana u hu qatt ma kien talabha ghax kien *"jafda lill-Pulizija"*.

---

[18] Fol. 92-96 tal-atti processwali
[19] Fol. 97-98 tal-atti processwali
[20] Fol. 101-106 tal-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali**

**L-approprjazzjoni bla jedd**

L-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jghid:

*"Kull min japproprja ruhu, billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*

*Izda ebda procediment kriminali ma jista' jinbeda ghal dan id-delitt, hlief bi kwerela tal-parti."*

L-artikolu 294 tal-Kodici Kriminali jghid:

*"Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-ahhar artikolu qabel dan jigi maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lill-hati minhabba l-professjoni, industrja, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn."*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza **Il-Pulizija vs Alan Azzopardi et**[21] fejn gie ritenut:

*Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprazzjoni indebito huma dawn li gejjin:*

[21] Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera, Deciza 24 ta' Novembru 2000

1. *Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat <u>voluntarjament</u> mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del posesso, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprazzjoni indebito, imma s-serq.*

2. *Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni indebita (kif fil-fatt gara f' dan il-kaz meta sar il-bejgh).*

3. *Illi l-oggett irid ikun mobbli;*

4. *Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha jew jbiegha jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;*

5. *Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi*

*jsostnu wkoll li jrid ikun hemm d-dannu patrimonjali kawzat lil proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprazzjoni indebito.*

*Fuq dan il-punt il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Marzu,** *1993 fil-kawza fl-ismijiet* **Il-Pulizija v Ali Abdulla Bakush** *fejn dik il-Qorti ddecidiet li ma tespandix fuq dan l-ahhar element ghaliex hemm teoriji li appena s-suggett attiv tar-reat jdawwar bi profitt ghalih l-oggett, dan minnu nnifsu ikun jikkostitwixxi dannu patrimonjali. Hu x'hinu pero jidher car li l-kuncett kollu tal-approprazzjoni indebito huwa koncepit mhux biss fuq l-abbuz ta' fiducja imma fuq il-fatt li pesuna taghmel uzu bi profitt ghaliha minn oggett li jappartjeni lil haddiehor, liema haddiehor ikun fada dak l-oggett f'idejn is-suggett passiv f'wiehed mic-cirkostanzi li jikkontempla l-artikolu 293 tal-Kodici taghna.*

*In generali jinghad li fid-dottrina b'approprazzjoni indebito wiehed jifhem li dik il-vjolazzjoni ta' dawn l-kuntratti li bazati kif inhuma fuq il-fidjucja, jissejjah kuntratt fiducjarju u essenzjalment jikkonsisti fl-istorn tal-haga fdata ghal skop determinat (ara* **Crivellari - Dei Reati contra la Proprieta** *– pg. 498; ediz. 1998).*

*Il-***Carminiani** *fil-ktieb tieghu* **Elementi Iuris Criminali -** *(para 1020) jiddefinixxi dan r-reat li huwa jsejjahlu bhala:*

> *"il fatto de quo liu, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto non transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e contro*

*la volonta del propretario stesso e converta in uzo proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e a proprio lucro e commodo."*

***Carrara*** *fil-kieb tieghu* ***Diritto Penale*** *taht t-titolu* ***Esposizione dei Delitti Inspecie*** *(vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan r-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan r-reat bhala:*

*" la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uzo determinato."*

*Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebito ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide* ***Il-Pulizija v Joseph Mifsud deciza nhar t-tnejn ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; Il-Pulizija v Joseph Richmond et deciz nhar l-erbatax ta' Jannar, 1993; Il-Pulizija v Capt. Albert Mallia deciz nhar l-hamsa w ghoxrin ta' April, 1949*** *u* ***Il-Pulizija v Emanuel Cassar deciz nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 1997.****)*

*B'dan il-Qorti trid tfisser li irid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni inter alia meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghal beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghal pattijiet stipulati in buona fede.*

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija ta' l-imputat**

Illi l-Istqarrija tal-imputat[22] giet mehuda mill-Ispetturi Christina Delia u Elton Taliana fil-25 ta' Marzu 2020 fl-Ghassa ta' Birkirkara wara li ghazel li jikkonsulta mal-Avukat Dr Alfred Abela. In succint, jghid li kellu dizgwid ma Carmel Magro fuq it-tiswijiet li kellha bzonn il-karozza Vitz u baqa' ma rritornax l-€1,500 li kien gabar minghandu bhala depozitu ghax kien *"uzahom ghal karozza ohra"* u anke` ghax ma kienx possibbli li jiltaqa' mieghu ghax skont ma jghid, Carmel Magro kien qed jgheddu u kien hemm okkazjoni fejn kien sejjer ihebb ghalih b'hadida. Fir-rigward ta' Alfred Gatt, stqarr li l-karozza li kien ser jixtri, Hyundai Getz, kellha hsara fil-magna u kien ried isewwiha qabel jghaddihielu. Gara li din ma ssewwietx u minkejja li kien qal lil Gatt li kien *"ha ntihomlu lura"* b'referenza ghall-€1,000 li kien hallas bhala depozitu, izda dan baqa' qatt ma mmaterjalizza. Ammetta li *"l-isball tieghi hu li d-deposit nuzah ghal xi haga ohra imbahad jekk jinqala' dizgwid, ma jkollix minn fejn intihulu"*.

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet**

Illi mix-xhieda imressaq jirrizulta li l-imputat kien jaghmel mekanizmu fejn kien joffri karozza ghal-bejgh, jigbor id-depozitu minn ghand in-nies izda imbaghad ma ibieghilhomx jew jitrasferielhom u jzomm id-depozitu ghalih.

Illi fil-fatti gewipprezentanti zewg skritturi privati ta' zewg partijiet individwali u separati. Illi dawn l-iskritturi kienu fuq l-istess stil ta' karta u l-kontenut kieni simli hafna ghal xulxin. Illi ma huiex innegat li dawn is-skritturi privati saru ma' l-imputat u li hu iffirmahom u provda d-dettalji tieghu li jaqblu ma dawk ta' l-imputazzjonijiet.

[22] Fol. 4-7 tal-atti processwali

Illi f'dawn l-iskritturi hemm il-weghda li l-imputat ser ibiegh u jitrasferixxi vetturi lil persuni li kienu qed ifittxu biex jixtru. Illi l-imputat jilqa u jircievi deposit minn ghandhom bil-weghda li eventwalment jghaddilhom il-vettura in kwistjoni. Madankollu dan qatt ma rrizulta.

Illi l-prosekuzzjoni esebiet ukoll provi ohra ulterjuri sabiex jigi ppruvat l-ezistenza o meno ta' dawn il-karozzi kif ukoll ir-rapport tal-pulizija li tispjega l-avvenimenti ta' kif graw l-affarijiet.

Illi din il-Qorti tikkunsidra li a bazi tax-xhieda, provi u dokumenti pprezenta, ippruvat il-kaz taghha sal-grad rikjest mil-ligi kif spjegat aktar il-fuq. Il-Qorti tqis ukoll li x-xhieda tal-prosekuzzjoni huma iktar verosimili u kredibbli minn dik il-verzjoni mghottija mill-imputat li ma konvincietx il-Qorti.

Ghaldaqstant din il-Qorti sejra issibu hati ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet dedotti kontrih.

**Ikkunsidrat**

**It-tielet imputazzjoni u l-addebitu tar-recidiva**

L-imputat tressaq talli fl-istess sar recidiv skont l-artikoli 28B, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali permess ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli nhar it-13 ta' Marzu 2019.

F'dan ir-rigward il-prosekuzzjoni esebiet it-tali sentenza[23] fejn gie misjub hati u gie ikkundannat tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali gew sospizi ghal tlett (3) snin.

Ghalhekk minn din is-sentenza jirrizuta li r-reati kommessi mill-imputat saru waqt dan il-perjodu ta' tlett (3) snin u ghaldaqstant ir-rekwiziti ta' l-artikolu

[23] Dok CD1, folio 60-67 ta' l-atti processwali

28B tal-Kodici Kriminali gew sodisfatti. Jirizulta wkoll li a bazi ta' din is-sentenza l-imputat jista jigi meqjus recidiv skont l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tghaddi sabiex lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni kif ukoll l-addebitu tar-recidiva.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat.[24], li tindika li fil-passat, l-imputat kienet instab hati ta' reati relatati ma serq, falsifikazzjoni u frodi. B'hekk huwa car li l-imputat ftit li xejn irriforma ruhu minkejja l-opportunitajiet moghtija lilu.

**Decide**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 28B, 49, 50 293, 294 u 310(1) qed issib lil Josemar Borg **hati** ta' l-imputazzjonijiet dedotta kontrih u tikkundannah ghal-piena ta' tmintax-il xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qeghdin jigu sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi u obbligi naxxenti minn din is-sentenza u jekk huwa jikkometti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Illi ghar-rigward il-ksur ta' l-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali, il-Qori taghzel li titratta mal-hati u tordna li s-sentenza ta' tmintax-il xahar prigunerija mghottija fis-sentenza tat-13 ta' Marzu 2019 mill-Magistrat Josette Demicoli, Kump Nru: 808/2015 għandha tibda isseħħ.

---

[24] Fol. 8-12 ta' l-atti processwali

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A(1) u 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputat ihallas u jirrifondi lil Carmel Magro is-somma kumplessiva ta' hames mitt Euro (€500), lil Shania Magro is-somma ta' elf Euro (€1,000) u lil Alfred Gatt is-somma ta' elf Euro (€1,000) fi zmien sena (1) wahda millum. Illi f'kaz ta' nuqqas ta' hlas mill-imputat, l-istess ammonti jkunu jikkostitwixxu titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili skond l-artikolu 15A.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tieghu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni skont l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

**Moghtija illum nhar il-4 ta' Marzu 2024 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**